**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 24 ta' Mejju, 2016

Rikors Guramentat numru : 27/2016 AL

AB

vs

Avukat Dr. Victor Bugeja u l-PL Alison Wadge b'digriet tat-12 ta' Frar 2016 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti X

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet:

Illi l-partijiet zzewwgu nhar it-tnax (12) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlieta (2003), liema zwieg giet kkuntrattat gewwa l-Italja.

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom il-minuri Y, li llum ghadu minorenni;

Illi permezz ta' sentenza datata 6 ta' Dicembru 2007 fl-ismijiet *Antonia Zammit f'isimha u bhala kuratrici ad litem tal-minuri Y u dan*

*b'digriet tal-21 ta' Marzu 2007 vs l-Avukat Dottor Patrick Valentino u l-Prokuratur legali Liliana Buhagiar nominati b'digriet tad-19 ta' Lulju 2005 kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-assenti X* kienet giet pronunzjata s-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet u dan hekk kif jidher minn kopja legali ta' l-istess sentenza hawn annessa;

Illi ftit wara t-twelid tal-minuri, il-konvenut temm kull kuntatt mal-esponenti w in fatti sa llum l-esponenti m'ghandha l-ebda hjiel ta' fejn jinsab il-konvenut;

Illi l-esponenti ma tircievi l-ebda manteniment ghaliha jew ghall-minuri stante li l-konvenut qata` kull kuntatt mal-esponenti u l-minuri u peress li l-esponenti ma tafx fejn il-konvenut jista` jinsab;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Illi l-partijiet ilhom jghixu hajja sseparata ghal oltre minn disa` snin;

Illi l-esponenti tissodisfa wahda jew izjed mill-kriterji indikati f'Artikolu 66N (1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Matla ;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija, jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-otteniment tad-Divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid- Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati, li permezz taghha iddikjaraw li ma humiex edotti mill-fatti konnessi tal-kawza u ghalhekk ghal kull buon fini qed jirriservaw illi jwiegbu ulterjorment jekk jkun il-kaz;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-24 ta' Frar 2016;

Rat is-sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) tas-6 ta' Dicembru 2007;

Rat il-verbal tas-seduta tallum;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati permezz ta' sentenza datata 6 ta' Dicembru 2007;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.